# Il-Ħadd 30.01.2022

1. L-Erbgħa 02/02, **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - Il-Gandlora u Jum il-Ħajja Kkonsagrata**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa bit-tberik tad-dawl. Għal din il-quddiesa qed nistiednu b'mod speċjali lil dawk il-Ġenituri flimkien ma' wliedhom li din is-sena ser ikunu qed jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina jew tal-Griżma tal-Isqof.
2. Il-Ġimgħa 04/02, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni li tintemm bil-Barka Sagramentali.
3. Is-Sibt 05/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
4. Il-Ħadd 06/02:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
5. Avviżi oħra:
   - Is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jixtieq jirringrazzja lil kulmin ta sehmu l-Ħadd li għadda waqt is-sessjoni ta' għoti ta' demm f'Ħal Safi, b'mod speċjali lill-24 persuna li resqu.
   - Matul il-jiem li ġejjin id-dħul u l-ħruġ tal-Knisja ta' Santa Marija għal min jixtieq jinviżta ser ikun mill-bieb tal-ġenb (li jiġi faċċata tad-Dar Parrokkjali) u mhux mill-bieb prinċipali, minħabba xi xogħolijiet li jridu jsiru fuqu. Grazzi tal-kooperazzjoni.
   - Is-Superjur Jonathan Brincat, li tul dawn l-aħħar 3 snin u nofs serva bħala Superjur fil-qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Safi u ta' Ħal Kirkop, ġie msejjaħ biex isir Superjur tal-MUSEUM tas-Siġġiewi. Waqt li nirringrazzjawh, nitolbu ħafna għalih. Nilqgħu fostna mhux biss bħala soċju imma issa wkoll bħala Superjur, lil Andrew Barbara, li hu mill-Gudja, li ġie maħtur bħala is-Superjur il-ġdid tal-Qasam Safi-Kirkop. Waqt li nitolbu għalih, inwiegħduh il-kooperazzjoni tagħna.
   - Matul ix-xahar ta' Frar ser jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet online għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni dettaljata tinkiseb minn fuq il-website tal-Kurja: www.knisja.mt fis-Sezzjoni: *'Skejjel tal-Knisja'*.
6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 70 bħala donazzjonijiet b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
   - € 60 mill-envelopes bl-Istrina b'risq l-istess għan.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.
7. Nitolbu għal Edwin Scicluna, missier Fr Ivan, li għadda għal ħajja ta' dejjem. Il-funeral ser isir nhar it-Tlieta 1/02 fis-2:30pm fil-Knisja Arċipretali ta' Ħal Tarxien. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...